MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

28 ta' Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ALEX MANGION – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Alex Mangion.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Alex Mangion. L-ittra u r-raġuni tiegħu ġew aċċettati.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

40.3.1 Triq Sant'Anton: li ġiet approvata minn TM sinjaletika sabiex ma jsirx dħul minn vetturi ġejjin minn Massimiliano Debono, Lija lejn Ħ'Attard u li titneħħa l-bankina quddiem il-Kitchen Garden sabiex it-triq titwessa' u jkun faċilitat l-aċċess filgħodu waqt il-ħin ta' traffiku. Hu qal li meta x-xogħol isir irid isir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u anka jkunu avżati l-ħaddiema tal-Palazz. Qal ukoll li meta fetaħ il-Kitchen Garden inħoloq preċedent għax b'dan ħolqu problema ta' sigurta'. Is-Sur Mark A. Spiteri daħal f'dan il-mument 5.40pm.

40.3.2 Li ġie approvat il-proġett tal-vapur tal-Art għall-ammont ta' €531,000 li finanzjarjament se jkun maqsum hekk:

PPCD €424,800 (80%) PDF €101,480 (20%) Local Budget Funds €4,720
Għalkemm ix-xogħolijiet se jsiru individwalment, l-attivitajiet iridu isiru in komuni mal-Kunsill ta' Birkirkara.

40.3.3 Il-ħsieb tal-Gvern Ċentrali li jagħti wiċċ ġdid lil dawn it-toroq: Pitkali u Gamar. Li ħa tintbagħat imejl mill-Kunsill fejn bħalha prijorita' għandhom jissemmew it-toroq: Linja, Kananea u Victor Vassallo.

40.3.4 Talba li kellu mill-Attard Scout Group sabiex jingħataw xarabank għall-attivita' li sa jkollhom nhar il-Ħamis, 7 ta' Ġunju 2018. Kulħadd qabel.

40.3.5 Li Lands identifikat art li mhix mikrija lil terzi sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli bil-proġett ta' Grow 10 Trees mas-Sur Stefan Cassar. Is-Sur Cassar qal li jistgħu isiru l-costings u l-proġett jibda f'Ottubru. Kulħadd qabel.

40.3.6 Li l-Perit lesta l-istima ta' Ġnien il-Palma liema spiża tammonta għall-€210,873.02. Dan il-proġett għandu jinqasam f'żewġ fażijiet u l-budget għandu jittieħed kollu mill-fond tal-PDF. Se ssir l-applikazzjoni għall-ewwel fażi. Kulħadd qabel.

Nuqqas ta' dawl fit Triq Santa Katerina ħdejn il-Binja ġdida The Peak u fi Triq Hannibal

40.3.7 minħabba li hemm biċċa tul ta' triq bla dawl xejn. Kulħadd qabel li jsiru żewġ lampi ġodda.

40.3.8 Imejl mingħand is-Sur Fredrick Azzopardi rigward laqgħa fil-31 ta' Mejju TM. Is-Sinjuri Cordina, Debono, Spiteri, Cassar, Abela u Scerri se jattendu flimkien mas-SE.

40.3.9 Coffee morning fejn ġew provduti sandwiches u pasta. Din l-attivita' saret in kollaborazzjoni mal-Kunsill u l-qliegħ kollu mar sabiex issir l-operazzjoni ta' Julian, tifel ċkejken b'diżabilita'. Sar ukoll Table Tennis Tournament fejn inġabru xi flejjes. Il-Kunsill kien involut indirettament f'din l-attivita' minħabba li s-Sindku ġie mitlub iqassam xi trophies.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

40.4.1 Is-Sur John Debono talab li:

- Jerġgħu jinżebgħu xi linji tal-parkeġġ li tneħħew ħabba *tower* crane fi Triq is-Sedqa.
- Ssir skeda tat-tisqija sabiex ikun assigurat li qed isir tisqija regolari tas-*soft areas*
- La darba tittiehdet id-decizjoni li jitnehha li l-parkegg fiż-żona ħdejn il Kitchen Garden (Triq Sant'Antnin), issir talba lill-Ufficcju tal-President sabiex il-ħaddiema tal-istess ufficcju u tal-Kitchen Garden jitħallew jipparkjaw fil-Parking tal-Palazz sabiex titnaqqas il-problema tal-parkegg għar-residenti tal-madwar.

40.4.2 Is-Sur Connie Scerri saħqet fuq:

- It-tisqija u li minħabba żieda fl-ammont ta' pjanti tal-UGP mhux ilaħħaq u jridu jittieħdu prekawzjonijiet. Is-Sur Cordina qal li qed jagħmel arrangament sabiex jintużaw ġwiebi eżistenti u jsiru *sprinklers* u *irrigation system* ġdida fi Ġnien il-Palma.
- Il-fjuri ħdejn Ivory and Co.n u r-Rosmarino li qed jinxfu.
- Jum iċ-Celebrazzjoni tat-Tfal kienet attivita' sabiħa ħafna.
- Li s-Sinjura Marthese Busuttil Cassar qaltilha li ma semgħet xejn minn Elancourt fuq il-Ġemellaġġ.

40.4.3 Is-Sur Mark A. Spiteri saqsa fuq:

- Il-liġi ġdida tal-GDPR u sabiex nieħdu l-prekawzjonijiet.

40.4.4 Is-Sur Alfred Zammit qal li:

- Faċċata ta' Triq l-Istwiel u ħdejn il-Beautician reġa hemm ħafna ħaxix u ħmieġ. Is-Sur Cordina qal li din il-ġimgħa ġiet imejl mid-Dipartiment fuq plot fi Triq il-Gradilja. Qal li dam jispjega ħafna li l-Kunsill ma jistax inaddaf fil-propjeta' privata. Dawn il-każijiet huma l-istess. Il-kuntrattur se jkun avżat sabiex jipprova jnaddaf quddiem dawn il-plots fejn jista'.
- F'ċerti żoni trid issir pressjoni fuq il-kuntrattur biex jitnaddfu sew. F'postijiet fejn qed isir żvilupp qal is-Sur Cordina it-tindif sar xi ħaġa inkontrollabbli u l-kuntrattur qed jiffaċċja sfidi kbar.

40.4.5 Is-Sinjura Marisa Abela qalet:

- Li hemm bozza maqtugħa fi Triq Pawlu Borg mal-ħajt. Din se tiġi rrappurtata.

40.4.6

Is-Sur Ralph Cassar saqsa:

- Jekk Wasteserv għamlux komunikat magħna fuq l-*Organic Waste* u meta se jiġi ntrodott. S'issa m'hemm xejn ġdid.

40.4.7 Is-Sur R. Azzopardi propona li:

- Ssir zebra crossing fi Triq il-Linja ma' Triq Victor Vassallo

## 40.5 Proġett il-Vapur tal-Art – Ri-approvazzjoni ta' Budget 2018 u Business Plan 2018-2020

40.5.1 Ġew approvati wara li ġew miżjuda ċ-ċifri tal-proġett tal-Vapur tal-Art u ġew jirriflettu l-ispiża kollha.

## 40.6 *Management Letter* u Risposta tas-Sindku

40.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-*Management Letter* fil-qosor u tat spjega kif ha tkun ir-Risposta tas-Sindku fuq kull item. Din ġiet approvata.

.

## 40.7 Rapporti

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni ir-Rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar - Marzu 2018 u r-Rapport Annwali Amministrattiv 2017. Qalet li kif ga' kien rifless mill-Awdittjar il-Kunsill miexi 'l quddiem u s'issa il-bilanċi huma pożittivi.
Il-Kunsill approva d-dokumentazzjoni kollha hekk kif sottomessa.

## 40.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

40.8.1 Is-Sur Zammit talab spjega fuq il-pagi u l-bolol u l-ammont tal-FS5. Is-Sur Cassar qal li dawn huma hekk kif regolamentati mill-liġi imma s-Sur Zammit xorta ried ikun jaf xi ammonti. Wara din il-kjarifika u spjega ċ-ċedola ġiet approvata.

## 40.9 Mozzjonijiet; u

40.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 40.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 21 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |